MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 373/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Jesmond Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' erba` mija u tnax il-ewro u hamsa u disghin centezmu (€412.95) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1015029 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Gunju, 2007 u Novembru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-7 Lulju, 2008 mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------